# DIK IX-XAGHRA!

## Essay ta' Emmanwel F. Attard

Ftit tas-snin ilu niftakar li qrajt fil-ġurnali li f'ċertu pajjiż — jidhirli li kien il-Pakistan — kienu saru rvellijiet kbar, li fihom intilfu saħansitra bosta ħajjiet, wara li xterdet l-aħbar li kienet insterqet relikwja ta' Mawmettu — xagħra tan-Nabi jew Profeta ewlieni tal-Misilmin. Bosta minna l-Maltin stagħġbu għal din l-aħbar: min berraq għajnejh u min, saħansitra, tħajjar iwaqqa' għaż-żufjett l-egħmil ta' dawk in-nies. Ngħid għalija aktar nistagħġeb b'dawn il-Maltin ħutna milli b'dawk il-Misilmin. Jekk għalina Mawmettu ma huwa xejn għad-devoti ta' Islam huwa ħafna: huwa l-personifikazzjoni ta' bniedem magħżul minn Allah stess (il-veru Alla); il-Profeta, Fundatur u Mexxej maħbub u meqjum ta' dinhom. Lil Mawmettu, il-Misilmin taddinja kollha għażżewh u għadhom igħożżuh — wara aktar minn tlettax-il seklu — forsi wkoll bil-wisq aktar milli wħud minna jqimu lill-istess Kristu, Bin Alla l-Ħaj.

Imbagħad, terġa' u tgħid, għalfejn tant niskantaw? Għiduli ftit, x'jibqa' minna ż-Żebbuġin kieku, alla ħares qatt kellhom jisirqulna lill-għadma qaddisa ta' San Filep — ukoll mingħajr ir-relikwarju tad-deheb li jiswa fuq li jiswa?! Jew li kellhom il-Qriema u ż-Żrieraq jiġu miftuma mir-relikwji ta' San Ġorġ u Santa Katerina — ħalli xi ilsna ħżiena jtaqtqu kemm jogħġobhom li dawn iż-żewġ qaddisin jafu ma eżistewx tabilħaqq jew, talanqas, ma kenux hekk 'kbar' daqs kemm ipinġuhom?! Naħseb li taqblu miegħi li ... kien ikollna l-inkwiet u, niftiehmu, inkwiet mhux żgħir, għax il-pulizija kien ikollha x'tagħmel ħafna ħafna... Bir-raġun! Għax relikwija tibqa' relikwija — sewwa jekk tkun biċċa għadma u sewwa jekk tkun daqsxejn ta' xagħra — sakemm il-poplu jibqa' jqimha u jemmen f'dinu.

Rajna kif naqra ta' xagħra taf iġġib magħha bosta nkwiet jew, talanqas, tant ħsibijiet. Kif ġabet lili, m'ilux wisq. Ħalli ngħidilkom. Inkun qiegħed nomxot quddiem mera mdaqqsa u, ħin minnhom, x'waħda din, nilmaħ xagħra minnhom li xejn ma kienet bħall-oħrajn: kienet l-ewwel xagħra bajda fost il-ħafna ta' lewn qastni li għad fadal iżżejjinli rasi — għalkemm nistqarr li xejn ma għadha miżgħuda bih daqs qabel.... Kienet tistona wisq dik l-imgħassda xagħra griża bajdanija — l-ewwel lewn qabel tibjad għal kollox. Stħajiltha n-nagħġa s-sewda ta' l-idjoma Ingliża fost dawk ħutna — biss bil-maqlub sa fejn għandhom x'jaqsmu ma' l-ilwien, ma għandniex xi ngħidu, jew in-nota skurdata fost ix-xagħriet l-oħrajn sbieħ li flimkien jagħmlu ar-

monija u huma ż-żina ta' kull ras għalkemm waħda ftit jew wisq fiergħa .... Kif ilmaħtha ftakart fil-qawl Latin. 'Iż-żminijiet jitbiddlu u aħna ma nibqgħux li nkunu' .... B'deħwa kbira fittixt, għalhekk, li neqridha. Hadt ir-ruħ x'ħin b'daqqa ta' mqass ċkejken rajtha taqa' ma' l-art u ftit wara ma deħritx iżjed għax taret maż-żiffa. Hsadtha bħalma Alesandru l-Kbir darba qata l-għoqda ta' Gordja — għax fih ftakart ukoll ... Biss, ħej, jn għaddewx wisq ġimgħat li — xagħra bajda tabilħaqq tosta imma qalbiena wkoll! — ma reġgħetx feġġet! Dik ix-xagħra bilfors riedet tinkwetani... Xtaqt kont nista' neqridha sa millegħruq — ħalli nserraħ moħħi li, imbagħad, ma nilmaħhiex iżjed b'għajnejja. Imma x'tagħmel? Hadd ma jieħu gost jidrob lilu nnifsu — għal daqsxejn ta' xagħra, imbagħad .... Hemm għalfejn ngħid? — din ix-xagħra reġgħet sabet sehemha għax qtajtha b'mod li, jaħasra, il-ġilda ta' rasi weġġgħet xi ftit! Din id-darba, iżda, flok ħallejtha tintilef, qbadtha f'idi u billi d-dar kont waħdi dak in-nhar, intfajt bil-qiegħda fuq siġġu u qgħadt nifliha tajjeb. Imbagħad tgħid, "Daqsxejn ta' xagħra!" Dik ix-xagħra griża bajdanija ġegħlitni nirrifletti wisq aktar mill-fatt li xuxti ilha xi ftit li bdiet teħfief sewwa.

Dejjem kont ħadtha b'ħaġa minn ewl id-dinja li x-xagħar jeħfief u li ... fuq bosta rġiel tibda tixref dik l-imgħarrqa ta' qargħa — "żina" u għelm ta' kobor u għerf f'kemm-il filosfu u ċuttur, imma wkoll ta' twerwir (u forsi wkoll ta' xi għamla ta' għajb, boloh li huma) għal xi rġiel li jriduha wisq ... Imma, iva, bdejt nara l-affarijiet f'dawl ieħor meta lmaħt dik l-ewwel xagħra bajda f'rasi. Niftakar li, meta bdejt nitfartas xi ftit, kont ftaħt qalbi ma' ħabib li beda jinbixni bl-'ewwel kwart' tal-qamar li beda jfiġġ u jimla fuq rasi, u għedtlu, "Habib, la trid tafha, nagħżel dejjem u kullimkien xuxa bajda qotna mill-qargħa li, wisq nibża' li sejjer ikolli nitqanna biha ...." Imma l-qargħa — li issa kabbret mhux ħażin il-medda tagħha — drajtha: l-aktar billi sa issa qiegħed jirnexxili ngħattiha billi, tajjeb jew ħażin 'nissellef' xi ftit, kif ngħidu u għaddej .... Imma, issa, li nibtet dix-xagħra bajda f'xuxti nħossni mherwel u mfantas. Mhux l-aktar għax-xagħra bajda fiha nfisha — għadni nippreferi xuxa bajda qotna mill-qargħa (li kien jista' jkun għax issa armajn...) imma għax nifhem li, jogħġobni jew ma jogħġobnix, bdejt nixjieħ. Tlajt it-tarġa l-oħra mid-disgħa li turi stampa Taljana ta' nkwatru li għandi d-dar u li fiha xagħar ir-raġel beda jsir fiddien ... Għalhekk din l-ewwel xagħra bajda tiegħi donnha ħalfet li, jiġri x'jiġri, tissoka tixref 'il barra u tikber ... Nistħajjilha aktar minn għelm tax-xjuħija: hija l-ewwel biċċa — ċkejkna tassew imma li tidher, tinħass u li tista' tintmess — ta' xjuħiti, nom xejn astratt, li għad nasal fiha biss jekk Alla jgħoġbu. Hija xagħra li qiegħda tħassib-

ni qatigħ. Mhux ħaġa taċ-ċajt meta tara, tifhem u tħoss li ħallejt iż-żgħożija għal dejjem u bdejt it-triq tan-niżla li, skond l-istess natura, twassal għad-dgħufija sħiħa tal-ġisem u fl-aħħar għal qabar kiesaħ u għeri ... U kif, ngħid għalija jien, qatt ma ħadtha bi kbira nara mhux xagħra waħda imma eluf ta' xagħar abjad folt jew mhux fuq irjus niesi, ħbiebi u tant nies oħra issa, għax nibtitli waħda, l-istess spirtu tiegħi — dari tant jiżżiemel u fuq tiegħu — donnu f'daqqa waħda ħassu jid-dgħajjef u jitmewwet! Kemm huwa egoista l-bniedem hux? Il-bniedem li kien fil-waqt li ma jeħodha xejn bi kbira li ħaddieħor jikber u jix-jieħ — għax hekk imfassla n-natura! — min-naħa l-oħra jħossu mriegħex għax issa jmiss lilu — lili!

Darba fost l-oħrajn, bejn biċ-ċajt u bejn bis-serjetà, niftakar li għedt lil sħabi, aħna u nitħaddtu fuq bosta ħwejjeġ fil-ħin tal-mistrieħ, "Idħku kemm tridu bija xorta waħda se ngħidhielkom b'wiċċi minn quddiem li la niġi biex nintemm jien ħsieb ta' niket bla qies li jfeġġ bħal dari, qisu ma qiegħed jiġri xejn u qisu ma qiegħed imut ħadd ..." Fis-sewwa naħseb li kull bniedem jasal biex iħoss xi ħaġa bħal din qabel jagħlaq għajnejh għal dejjem. Biss mhux kulħadd jasal biex jis-tqarrha bil-miftuħ bħali ......

Madankollu, naħsbu x'naħsbu, ħaġa waħda hija żgura: la mmutu d-dinja tkun spiċċat għalina. Kellu kemm kellu setgħa d-dittatur f'paj-jiżu u fl-artijiet li kien jaħkem la jmut kollox jintemm għalih... U wara, il-funerali kbar statali li jagħmlulu u bil-musulew sabiħ u għani li jqegħduh fih b'kollox, bniedem setgħani bħal dan jisfa' fix-xejn bħall-inqas wieħed li kien jaqdih, bħal dil-mara xwejħa tar-raħal li bħalissa għaddejja minn quddiemi... u bħall-erba' tiġiġiet li qiegħda tbigħ. "U bħalek ukoll," nisthajjilha tpespes kif taf hija biss ix-xagħra bajda tiegħi... Kollu minnu: ix-xagħar jibjad għax ix-xjuħija ma hija xejn ħlief il-ħabbara u l-mogħdija għall-mewt. Lix-xagħar abjad bil-kemm ma nisthajlux minn xi daqqiet bħal għamla oħra ta' dik l-arma li tbeż-ża' lil bosta, ir-ras ta' mewt imqiegħda fuq żewġ għadmiet imdaqqsa u msallba fuq xulxin. U hekk hu tabilħaqq — iżda l-bniedem magħmul li ma jħobbx jagħti każ u jrid jinsa billi jintilef fid-divertiment jew fix-xogħol. Allaħares ma kienx hekk ukoll għax kieku ma nafx x'jibqa' minna......

Imma dejjem jirnexxilna? Temmnuha li, issa stess, meta qrobt lejn tmiem dil-kitba ma flaħtx ma naghtix titwila oħra lejn il-mera ħalli nara .... Dawn bċejjeċ dik ix-xagħra bajda — is-salib tiegħi — hemm qiegħ-da: għadha ma kibretx daqs qabel iżda b'xejn ma trid tħallini, għal-kemm diġa' qaċċattha darbtejn jew tlieta qabel .... Din id-darba qtaj-tha li nisfidaha: hemm inħalliha! Mid-dehra, mhux għal kollox minnu

l-għajdut li jekk titneħħa xagħra bajda, flokha jitilgħu sebgħa oħra... Jekk ma nitgħajjinx, sa issa, lilha biss għandi. Biss xi darba jew oħra, jekk Alla jrid, ix-xahar kollu li jkun għad fadalli mhux bħalha sejjer ikun ukoll? Ibqa' żejjinli rasi, mela, ja xagħra mqarba — wara kollox, kif igħid il-qawl Ingliż. "Kull sħaba jkollha ħajta fidda max-xfar tagħha." Kun inti l-ħajta fidda ta' din xuxti! Għallimni ma nitlifx żmien fix-xejn għax kif wissiena tajjeb il-mibki Papa Ġwanni XXIII. "Darba biss interrqu minn din il-mogħdija: infittxu li ma nitilfu ebda okkażjoni li nagħmlu l-ġid kien fejn kien u kien meta kien."